MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 423/2009

**Artikoli 23(1), 298 1(a) (b) (c) (d) (e) (f), 298B (1), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**ALEXANDER MAGGI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Alexander Maggi** ta' 42 sena, iben John u Mary nee' Portelli, imwieled f'Attard fit-3 ta' Gunju, 1966 u residenti fil-fond bin-numru 108, Triq Atocia, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 236066(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Marzu, 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghjar il-kunsens tas-sid.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement, ghamel

uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement, ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, ghall-qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghall-persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applika fuq oggetti jew

fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *tradekmark* registrata.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghall-persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sena moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D fl-1 ta' Frar, 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Kif ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Mejju, 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. CM1 a fol. 6, ittra mmarkata bhala Dok. CM2 a fol. 7, dokument CM3 a fol. 8, stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. CM4 a fol. 9 et seqiutur, ic-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. CM5 a fol. 12 u l-fedina penali tal- imputat immarkata bhala Dok. CM6 a fol. 13 et sequitur tal-Process.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2014 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li dwar l-akkuza li l-imputat ikkommetta reat waqt sentenza ta' prigunerija sospiza din diga' giet mehuda in konsiderazzjoni b'sentenza ohra li l-imputat qieghed jiskontaha deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru, 2013 u konsegwentement il-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Rat illi fis-Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014 l-Ufficjal Prosekutur ippresenta sentenza moghtija fit-13 ta' Settembru, 2013 u talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri li l-imputat ikkommetta

reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u invista ta' din l-istess sentenza l-Qorti hija propenza li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess akkuza.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta fid-9 ta' Mejju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru, 2014 u dan fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni salv u b'eccezzjoni ghal dik l-akkuza illi l-imputat ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru, 2014.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul din l-investigazzjoni tant li kien bl-ghajnuna tieghu li hi rnexxiela ssolvi r-reati ta’ serq ta’ oggetti ta’ Play Mobil.

Il-Qorti rat ukoll illi r-reati in kwistjoni sehhew fis-sena elfejn u disgha (2009) u ma jidhirx mill-fedina penali tal-imputat huwa kkommetta reati ohra f’dan il-perjodu.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l- Artikoli 23(1), 298 1(a) (b) (c) (d) (e) (f), 298B (1), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat ALEXANDER MAGGI hati tal-akkuzi u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna illi l-oggetti li gew esebiti f’dawn il-proceduri formalment minn PS959 Winston Micallef u mmarkati bhala Dok. WMP1 jigu kkonfiskati favur il-Gvern ta’ Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew Periti, il-Qorti rat li ma kien hemm l-ebda nomina jew hatra f’dan ir-rigward u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------